KUNSILL LOKALI QALA

**MINUTI LAQGĦA URĠENTI NUMRU 9**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

Il-Ġimgħa, 8 ta' Novembru 2024

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum il-Ġimgħa, 8 ta' Novembru, 2024, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Noel Mizzi – Viċi Sindku
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Rene Abela - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (skond Ordni Permanenti 14A(3)):

Valerie Cassar Mejlak - Kunsilliera

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

# Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 9.1 Talba

Il-laqgħa bdiet fl-16.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 9.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

Il-Kunsill irċieva ittra t'apoloġija mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak li ma setatx tattendi minħabba mpenji oħra. Din l-apoloġija ġiet aċċettata bil-Kunsilliera tiġi skużata mil-laqgħa.

## 9.3 Servizzi relatati ma LA DO363/20 u LA DO364/20 tal-WSC Corporation dwar xogħol li sar fi Triq il-Kunċizzjoni. (File No: WSC329/20 u WSCD332/20)

Is-Sindku nforma lill-membri li din il-laqgħa issejħet sabiex jkun jista jiġu rifużi l-fondi li għaddew mill-WSC lill-Kunsill għal xogħol tas-servizzi tal-ilma u tad-dranaġġ fi Triq il-Kunċizzjoni. Minħabba li dan ix-xogħol ma kienx inkluż fit-tender u allura l-Kunsill ma setax jħallas dirett lill-Kuntrattur, il-Kunsill qabel unanimament sabiex l-ammonti ta'

€78,525.65 (LA-DO363/20) li daħlu fil-kont bankarju tal-Kunsill fil-5ta' Mejju 2023 jiġu rifużi lill-WSC biċ-ċekk numru APS 10722

€5,293.43 (LA-DO364/20) li daħlu fil-kont bankarju tal-Kunsill fil-5ta' Mejju 2023 jiġu rifużi lill-WSC biċ-ċekk numru APS 10723

B'hekk il-ħlas lill-Kuntrattur għal xogħolijiet relatati mas-servizzi msemmija, jkun jista jsir mill-Water Services Corporation.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li minħabba s-sitwazzjoni fil-Kunsill u minħabba l-atteġġjament fil-konfront personali tagħha, hija ħasset li ma tistax tkompli taħdem f'dan l-ambjent. Għalhekk infurmat lil-membri illi kienet talbet trasferiment li ġie approvat u dan b'effett mit-Tnejn, 11 ta' Novembru 2024. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lis-Sindku, l-Viċi Sindku, L-Kunsillier Karl Buttiġieġ kif ukoll l-Kunsillier Rene Abela flimkien mal-Kunsilliera tal-leġislatura preċedenti għal fiduċja li dejjem urew u s-support kbir li tawha. Hija tenniet li dejjem ippruvat tagħmel xogħlha b'dedikazzjoni u impenn għall-ġid tal-lokalita' u tar-residenti. Hadmet siegħat twal u għamlitu mill-qalb pero' din ma hix sitwazzjoni sabiħa li wieħed jista jkompli jaħdem fiha. Madankollu, offriet illi jekk il-Kunsill jixtieq, għal ġid tal-Lokalita', hija kienet lesta li sservi ta' Deputat



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Segretarju Eżekuttiv għal ftit żmien sakemm jintela l-post vakant. Il-membri preżenti qablu unanimament li s-Sa. Heidi Grech għandha tinħatar Deputat Seg. Eżekuttiv.

Is-Sindku stqarr li jħossu ddispjaċut ferm li din is-sitwazzjoni kelli twassal għal dan u ikkonferma li dejjem kellu fiduċja sħiħa fis-Segretarju Eżekuttiv. Irringrazzja lis-Seg. Eżekuttiv tal-ħidma sfieqa tagħha li kienet tibqa għaddejja. Il-Viċi Sindku, l-Kunsillier Rene Abela u L-Kunsillier Karl Buttiġieġ lkoll urew id-dispjaċir tagħhom għal din l-aħbar u irringrazzjaw lis-Seg. Eżekuttiv tax-xogħol li wettqet minkejja l-isfidi kbar li kellha, u li grazzi għal dan, ix-xogħol kien qed juri l-frott. Il-Viċi Sindku staqsa lis-Seg. Eżekuttiv jekk din id-deċizzjoni kienitx qed toħodha biss minħabba l-atteġġjament tal-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak fil-konfront tagħha u s-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affermattiv.

Is-Seg. Eżekuttiv ippreżentat kopja tal-fattura li tikkonferma illi fis-sena preċedenti, kienet filfatt intużat *mini bus* u mhux *coach*. Is-Sindku qal li dan jikkonferma illi dak li allegat il-Kunsilliera Mejlak ma huwiex minnu.

Is-Segretarju Eżekuttiv, irringrazzjat lill-membri preżenti u awgurat aktar ħidma għal-ġid tar-residenti Qalin.

## 09.4 Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-17.15p.m.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Heidi Grech |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt